MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 236/2005/1

**Thomas Azzopardi**

**vs**

**Platinum International (Malta) Limited; Louis Zammit**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Lulju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-26 ta' April 2005 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jirrendixxu l-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenuti jew min minnhom datat 4 ta' April, 2004 u jirrifondu s-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm750) flimkien ma' imghaxijiet legali stante li:

i. Il-kunsens ta' l-attur fuq l-imsemmi ftehim gie moghti bi zball dwar il-fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha ta' l-oggett tal-ftehim;

ii. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kunsens ta' l-attur fuq l-imsemmi ftehim gie karpit bi kliem qarrieqi jew ghemil doluz da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Preliminarjament:

Fl-ewwel lok il-fatt illi bejn il-konvenut Louis Zammit u l-attur ma hemmx relazzjoni guridika.

Fit-tieni lok il-fatt illi l-gudizzju ma hux integru stante li ghall-istess ftehim kien hemm partijiet ohra li ma humiex parti f'din il-kawza.

Mertu:

Illi ma hux minnu li l-kunsens tal-attur gie moghti bi zball. Fil-fatt lill-attur gie lilu spjegat fid-dettall x'kien qieghed japplika ghalih u l-attur akkonsentixxa liberament.

Illi ma hux minnu li l-konsens gie karpit bi kliem qarrieqi jew ghemil doluz.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' konvenuta qieghda fin-negozju ta' l-ivjaggar u f'April 2004 ir-rapprezentanti tal-kumpanija bdew jaghmlu telefonati "at random" mehuda minn fuq it-telephone directory sabiex javzaw lil min ikun ircieva t-telefonata li huma jkunu rebhu premju. Biex jircievu l-premju jkunu jridu jmorru t-Topaz Hotel ghal riceviment.

Mart l-attur, Carmen irceviet wahda minn dawn it-telefonati u flimkien ma' zewgha wiegbu ghas-sejha u marru t-Topaz Hotel fejn hemmhekk sabu xi koppji ohra li wkoll kienu wiegbu ghas-sejha tas-socjeta' konvenuta. Gew milqugha mir-rapprezentant tas-socjeta' Louis Zammit u minn hemmhekk skond l-attur hargu mil-lukanda u dahlu fond magembu fejn kien hemm hafna mwejjed u Louis Zammit beda jkellimhom. Hawnhekk il-konjugi Azzopardi saru jafu l-vera skop taz-zjara, li altru kien rebh ta' premju peress illi s-Sur Zammit kien qed ihajjarhom sabiex huma jidhlu f'kuntratti ta' xiri ta' vaganzi.

Kien hemm zewg tipi ta' kuntratti. Wiehed maghruf bhala "World Class Vacation Club" illi kien jiswa elfejn u mitejn lira (Lm2,200) u kellu durata ta' ghoxrin sena u iehor izghar "Rediscover the World" ghal seba' mija u hamsin lira (Lm750) u kellu durata ta' tlett snin. Is-Sur Zammit ipprova jbiegh iz-zewg kuntratti u wara hafna diskors illi dam sejjer ma' l-erba' sieghat, l-attur Thomas Azzopardi ffirma z-zewg kuntratti. Gie spjegat lilu illi l-kuntratt tal-"World Class Vacation Cub" kellu "cooling off period" ta' ghaxart ijiem u ghalhekk wara illi ghad jahsibha u staqsa xi domandi dwar dan il-kuntratt ghazel illi ma jidholx ghal dan il-piz u ddepozita il-kuntratt l-ufficcju tas-socjeta' konvenuta u baqa' vigenti biss il-kuntratt l-iehor ta' "Rediscover the World" illi kopja tieghu tinsab

esebita a fol 12 tal-process bid-data tal-4 ta’ April 2004.

Meta xi zmien wara l-attur ipprova juzufruwixxi minn dan il-kuntratt u talab li jinghata vjagg ghal St Petersburgh jidher illi dan ma setghax jigi akkomodat u minkejja l-ghazliet l-ohra illi ghamel xorta s-socjeta’ konvenuta ma setghetx taqdieh.

Kif spjega s-Sur Louis Zammit u Bernardette Gauci l-General Manager tas-socjeta’ konvenuta, z-zewg kuntratti fuq imsemmija ghandhom beneficcji ferm differenti, filwaqt li fil-“World Class Vacation Club” kien hemm ghazliet vasti u varji. Fir-“Rediscover the World” dak li ffirma l-konvenut kien ferm limitat. Jidher illi din id-differenza ma gietx spjegata sew lill-attur li kien qed ihawwad il-beneficcji taz-zewg kuntratti u ppretenda li minkejja illi hallas ghar-“Rediscover the World” il-kuntratt tas-seba’ mija u hamsin lira, jiehu l-beneficcji wkoll tal-“World Class Vacation Club” liema kuntratt irritorna lis-socjeta’ konvenuta. Peress li l-attur huwa mpjegat ma’ l-Airmalta fulltime, ghandu certa beneficcju ghall-ivjaggar, pero’ dawn il-beneficcji ma jistax jippjana ghalihom fit-tul u jkunu disponibbli ghalih dejjem jekk ikun hemm spazju f’titjiriet partikolari. Ghalhekk l-attur ghamilha cara lis-Sur Zammit illi ma setghax joqghod ghal xahrejn pre-avviz peress illi xogholu ma kienx jippermetti u dina kienet ir-raguni wkoll il-ghaliex ghazel li jaghmel vjagg mas-socjeta’ konvenuta, dina ma setghetx taqdieh fil-granet limitati tal-pre-avviz li huwa ta lis-socjeta’ konvenuta. Meta ra illi jdur fejn idur ma setghax jiehu l-vaganza illi ghazel hu u kellu bilfors joqghod ghal xi post illi ssuggeriet is-socjeta’ konvenuta, ghazel li jikkontesta l-ftehim li gie milhuq fl-4 ta’ April 2004 fuq il-bazi ta’ kunsens vizzjat bi zball dwar il-fatt u l-qerq.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenut Louis Zammit eccepixxa illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Jidher illi din l-eccezzjoni ghandha l-fondament taghha, peress illi rrizulta li Zammit huwa biss impjegat mas-socjeta' “Platinum International” bhala “promoter” ghal “holiday packages.” Fil-fatt il-ftehim ta' l-4 ta' April 2004 mhuwiex iffirmat minnu, izda bejn l-attur u rapprezentant iehor tas-socjeta' konvenuta. Peress illi Zammit jidher illi kien involut fil-fond sabiex ihajjar lill-attur jiffirma l-kuntratti, wara illi dan sar, hareg mix-xena u r-relazzjonijiet bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta baqghu jigu sewgiti minn impjegati ohra ta' l-istess socjeta'. Il-Qorti jidhrilha illi l-eccezzjoni tal-konvenut Zammit ghandha tigi milqugha peress illi verament ma hemmx relazzjoni guridika mieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu tal-kaz, kif gia nghad il-kawza hija ntestata fuq il-kuncett tal-vizzju tal-kunsens, pero' l-Qorti ssib li hemm kwistjoni ohra li ghandha tivventola f'dan il-gudizzju barra dak tal-kunsens vizzjat u cioe' dak illi l-kuntratt jaqa' taht il-provvedimenti tal-Kapitolu 317 dwar l-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb. Kien ghalhekk illi l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tinforma lill-partijiet dwar din il-kwistjoni u tisma' t-trattazzjoni taghhom dwarha, liema trattazzjoni fil-fatt saret.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 213 tal-Kap 12 fejn tawtorizza lill-Qorti tal-Magistrati tiddeciedi fuq jedd ghalkemm dan il-jedd ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali. Ghalhekk il-Qorti sejra tara jekk dan il-jedd ta' l-attur jinkwadrax fil-kuntest tal-Kapitolu 317 fuq imsemmi.

Ikkunsidrat:

Il-kapitolu jibda biex jaghti definizzjoni ta' min huwa bejjiegh bieb bieb, fond kummercjali u

kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb. Il-bejjiegh bieb bieb “huwa persuna li joffri servizzi permezz ta’ kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb, sew jekk l-offerta ma tintalabx minn min ikun qieghed isirlu l-offerta, sew jekk tintalab minn dan ta’ l-ahhar bi twegiba ghal xi reklam...” Irrizulta illi l-attur u martu ghamlu proprju dan. Ir-reklam kien jikkonsisti f’telefonata mir-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta sabiex jinfurmawhom illi dawn rebhu xi premju u biex imorru ghalih fit-Topaz Hotel. Meta marru  hemmhekk saru jafu illi l-vera skop tar-reklam kien il-bejgh ta’ servizz ghall-ivjaggar. Ghalhekk f’dan il-kaz il-konvenut Zammit jikkwalifika bhala persuna taht id-deskrizzjoni ta’ bejjiegh bieb bieb fil-kuntest tal-kapitolu fuq imsemmi.

Fond kummercjali gie deskritt bhala “kull post iehor fejn minn go fih kummercjant regolarment jiggestixxi l-attivita’ kummercjali tieghu u jinkludi post fiera u posti tas-suq”. L-ufficju registrat tas-socjeta’ konvenuta huwa l-Belt, 60 Flat No 2, Brittania Buildings, Melita Street, mentri fil-kuntratt a fol 12 l-indirizz ta’ “Rediscover the World” gie indikat bhala:  “c/o Topaz Hotel, Bugibba, Malta.” Ma rrizultax mill-atti fejn is-socjeta’ konvenuta regolarment tiggestixxi l-attivita’ kummercjali taghha. Gie suggerit waqt it-trattazzjoni illi fit-Topaz Hotel ghandha xi ufficju fejn tiggestixxi attivita’ kummercjali, izda  jekk din l-attivita’ hijiex regolarment gestita minn dan il-fond ma rrizultax. Li jirrizulta zgur illi wara li l-attur u martu marru fit-Topaz Hotel u gew milqugha minn Louis Zammit, dawna marru fond iehor go sala fejn kien hemm hafna mwejjed. Il-konvenut jispjega illi huma hargu mil-lukanda u dahlu fond magembu. Jista’ jkun li dan il-fond huwa parti mill-kumpless tat-Topaz Hotel.  Fi kwalunkwe kaz zgur li ma jistax jinghad li s-socjeta’ konvenuta tuza’ l-lukanda kollha kemm hi ghal gestjoni regolari tal-kummerc taghha, sakemm ma jigix pruvat illi l-lukanda tappartjeni lis-socjeta’ konvenuta, haga li ma

rrizultax mill-atti. F’dan il-kaz huwa certament eskluz post fiera jew post fis-suq peress li dawn it-tnejn ma ffiguraw xejn mill-provi prodotti.

Ghal dak li huwa definizzjoni ta’ kummercjant, dina qieghda mfissra “bhala kull persuna.... li tkun qieghda tagixxi biex tavvanza xi interess professjonali...” F’dan il-kaz Louis Zammit kien qed javvanza interess professjonali ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta meta huwa ressaq il-prodotti ta’ din il-kumpanija lill-attur u martu waqt id-diskursata li kellu fil-fond imsemmi mill-istess attur. L-aktar definizzjoni mportanti ghal fini ta’ din il-kawza huwa l-ftehim fih innifsu u jekk dana jinkwadrax bhala “Kuntratt maghmul fuq l-Ghatba tal-Bieb.” Il-Kap 317 ifisser dan bhala “kuntratt ghal provvediment jew forniment ta’ oggetti jew servizzi minn bejjiegh bieb bieb illi jagixxu f’ismu proprju jew f’isem xi kummercjant liema kuntratt ikun gie negozjat... f’kull post jew fond il-boghod mill-fond tax-xoghol tal-bejjiegh bieb bieb jew tal-kummercjant li jkun qed jagixxi f’ismu”.

Irrizulta illi t-Topaz Hotel hu zgur l’boghod mill-fond tax-xoghol tal-bejjiegh u cioe’ s-socjeta’ konvenuta li ghandha s-sede ufficjali taghha l-Belt. Anke jekk is-socjeta’ ghandha xi ufficju fit-Topaz Hotel jidher illi l-kuntratt ma giex negozjat f’dak l-ufficju izda fond iehor barra mil-lukanda. Jista’ jkun fl-istess ambjenti tal-lukanda imma zgur l’boghod mill-ufficju, jekk ghandha, fit-tali post. Ghalhekk anke hawnhekk il-Qorti ssib illi l-kuntratt a fol 12 jista’ jinkwadra bhala wiehed maghmul fuq l-ghatba tal-bieb. Ghalhekk il-Qorti issa trid tindaga jekk dan il-kuntratt jissodisfax il-kweziti tal-ligi fil-kuntest ta’ l-Artikolu 7 u 8 tal-Kap 317 fuq imsemmi.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tal-ftehim wiehed isib illi ma fihx l-isem tal-bejjiegh bieb bieb u cioe’ f’dan il-kaz

is-Sur Louis Zammit u n-numru tal-licenzja tieghu u lanqas l-indirizz permanenti tal-fond kummercjali tieghu jew tal-persuna li timpjegah. L-indirizz tas-socjeta’ “Platinum International” ma jidhirx fuq dan il-ftehim u l-unika indirizz moghti huwa dak ta’ “Rediscover the World” c/o Topaz Hotel. Dana zgur li ma jistax jinghad li huwa xi indirizz permanenti peress l-ittri “c/o” jissignifikaw xi haga temporanju min jista’ jiricievi l-att ghan-nom ta’ haddiehor. Aktar importanti dan il-kuntratt ma fiehx klawsola stampata b’mod car u b’tipi grassi u b’emfasi li l-konsumatur ikollu d-dritt ihassar il-kitba privata skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 8 li jippreskrivu thassir fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tal-kitba privata.

Irrizulta li l-attur ma giex moghti dan id-dritt, anzi mix-xhieda ta’ Louis Zammit inghad car illi “il-kuntratt partikolari ta’ seba’ mija u hamsin lira (Lm750) ma hemmx ‘cooling off period’ peress illi l-kuntratt huwa formulat b’tali mod illi dan il-‘cooling off period’ hija evitata” (fol 44/45). Dana huwa konfermat mill-istess attur fejn ighid illi Zammit qallu illi l-ewwel kuntratt fih “cooling off period” pero’ fuq it-tieni wiehed ta’ seba’ mija u hamsin lira (Lm750) ma semmielu xejn.

Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi s-socjeta’ konvenuta ma tistax tabbuza bil-konsumatur b’dan il-mod. Ma kellha l-ebda dritt tifformola l-kuntratti b’tali mod li tigi evitata l-ligi. Il-ligi mhijiex qieghda hemm biex tigi evitata imma biex tigi osservata u ma tistax tinheba wara mankament illegali biex tiehu vantagg minnu. Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt ruman illi “nullus commodum capere potest de injuria sua propria”. Is-socjeta’ konvenuta abbuzat b’mod grossolan mill-klijenti li hija nrexxielha ggib sabiex tipprova tbiegh pakkett ta’ vakanzi. Il-“modus operandi” ta’ din is-socjeta’ huwa suspett ghall-ahhar u mhux sew illi dawn jaqbdu n-nies “at random”, joffrulhom rebha ta’ rigal li qatt ma applikaw ghalih biex huma

jgieghluhom jigu f'post aljen ghalihom u hemmhekk jippruvaw ibellghulhom kuntratti illi inizjalment qatt ma talbu.

Jekk is-socjeta' konvenuta tkun trid tkompli f'dan il-metodu ta' reklamar, allura hija ghandha tosserva l-ligi skruplozament u m'ghandha qatt tuza l-istess ligi sabiex tevita d-drittijiet ta' haddiehor. In-nies mhumiex xi hut fil-bahar illi titfa' lixka u tara x'taqbad u darba tkun qbadtu jibqa' taht il-kontroll tieghek minghajr il-possibilta' ta' harba. Huwa dak illi ghamlet is-socjeta' konvenuta meta stadet lill-attur, haditu f'post aljen ghalih u rabtitu b'kuntratt illi sussegwentement ma setghax johrog minnu. Dana huwa mod irresponsabbli u dizonest kif jitmexxew l-operazzjonijiet kummercjali u l-Qorti ma tarax illi ghandha minn fuq, tippremja lis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk apparti l-kwistjonijiet tal-vizzju tal-kunsens il-Qorti ssib illi l-kuntratt maghmul bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta huwa wiehed illi jinkwadra bis-shih taht il-Kapitolu 317 l-Att dwar Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb u l-kondizzjonijiet imfissra ghal tali kuntratt gew pjenament miksura mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tillibera lill-konvenut Louis Zammit mill-osservanza tal-gudizzju peress illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara l-ftehim ta' l-4 ta' Mejju 2004 a fol 12 tal-process bhala null u ma ghandu l-ebda effett fil-ligi, stante li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta "Platinum International Malta Limited" sabiex tirrifondi lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsin lira (Lm750). Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.**"**

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b' zewg aggravji specifici, u cjoe:-

(1) L-Att dwar Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb (Kapitolu 317) ma japplikax ghall-fattispeci;

(2) Jekk kien hemm qerq li induca ghall-konkluzjoni tal-kuntratt hi m' ghandhiex tbati l-konsegwenzi ghax il-qerq ma ghamlitux hi;

Bir-rispett dovut lejn ir-ragonament ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma illi x-xorta ta' kontrattazzjoni involuta f' dan il-kaz ma kellhiex tattira lejha l-applikabilita` tal-ligi partikolari in materja ta' vendita bieb b' bieb. L-ebda prodott jew servizz ma gie hawnhekk offert "fuq l-ghatba tal-bieb" ghal liema tirreferi d-definizzjoni ta' "bejjiegh bieb b' bieb" fl-Artikolu 2, Kapitolu 317. Huwa veru li l-kuntratt ma sarx fis-sede registrat tal-kumpanija imma f' lukanda jew f' xi ambjent taghha. Tali pero`, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ma ghandux jitqies ghaldaqshekk bhala "post jew fond 'il boghod mill-fond tax-xoghol tal-bejjiegh bieb b' bieb jew tal-kummercjant" imma pjuttost bhala estensjoni tas-sede ordinarja tal-kumpanija mahsub ghal skop specifiku. Li kieku kellu jkun argomentat xort' ohra jkun ifisser illi kull ditta produttrici li tirreklama u tikkonkludi affari tal-prodott taghha f' ambjent ta' lukanda jew ta' xi post iehor, ikun x' ikun, tkun qeghda dejjem tagixxi, skond il-prospettazzjoni ta' l-ewwel Qorti, bhala "*door to door salesman*". Din l-ottika ma tappellax ghal din il-Qorti, kemm ghaliex fl-isfera tal-kummerc dan il-mod ta' konduzzjoni tan-negozjati u ta' trattattivi ta' bejgh u ta' xiri hu fiz-zmenijiet tal-lum sew mifrux, kemm ghaliex il-ligi specjali in partikolari hi fl-ispirtu taghha rizervata ghal dawk il-pjazzisti li jispaccaw l-oggetti jew is-servizzi taghhom "fuq l-ghatba tal-bieb". Ad ezempju, bejjiegha ta' utensili (ara "**Simon Fenech *nomine* -vs- Victor Scicluna**", Appell, 23 ta' April, 2001) jew ta' kotba jew anke ta' poloz ta' assikurazzjoni. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz u, allura, l-aggravju tas-socjeta` appellanti fuq dan il-punt qieghed ghalhekk jitqies fondat;

B’ introduzzjoni ghat-tieni motiv ta’ aggravju jrid jinghad qabel xejn illi hu l-manteniment, u mhux it-thassir, tal-kuntratti li ghandu jitqies primarju. Dan anke ghaliex, kif saput, is-socjeta` konvenuta hi dejjem assistita bil-presunzjoni tar-regolarita` u l-validita tal-kuntratt u, allura, jinkombi fuq min jallega l-kummissjoni tal-malafede vizzjanti l-kunsens li jipprova, u dan b’ rigur magguri, dik l-allegazzjoni tieghu. S’ intendi, kif rilevat fis-sentenza “**Innocenza Galea -vs- M. Zammit**”, Appell Civili, 3 ta’ Dicembru, 1919, “*a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche siano gravi e concludenti, si da generare la convinzione che la liberalita o il contratto impugnato è stato l’ effetto di raggiri usati dall’ altre parte o da terzi*”;

Ipprecizat dan, hu opportun li qabel ma wiehed jghaddi ghall-ezami ta’ certi aspetti legali tal-vertenza jigu investigati l-kwestjonijiet ta’ fatt krucjali ghall-kwestjoni. Dan anke in raguni ghal konsiderazzjoni illi r-ricerka dwar l-ezistenza ta’ l-izball jew tal-qerq hi wahda ta’ fatt skond ic-cirkustanzi pekularji tal-kaz;

Preponderentement, mill-indagini tal-fatti johrog, fil-fehma tal-Qorti, dan il-kwadru:-

(1) Fil-mument tat-trattativi ghal konkluzjoni tal-kuntratt tal-*holiday package* l-attur kien ghamilha cara lill-impjegat tas-socjeta` appellanti illi minhabba l-esigenzi tax-xoghol tieghu, *qua* impjegat *on call* ma’ l-Air Malta, hu ma setax jaghti pre-avviz anticipati fit-tul ghal skop ta’ *booking* ta’ vakanzi. Kien ukoll insista mieghu illi l-preferenza tal-lukanda fl-esteru, intiza ghas-soggorn tieghu u tal-familja, ghandha tkun wahda fic-centru tal-belt partikolari li kien intenzjonat jivvizita. Hu koncess mill-istess impjegat tas-socjeta` appellanti illi dan kien ghal korrenti tad-diffikoltajiet u dawk ta’ l-esigenzi partikolari ta’ l-attur. Ara xhieda ta’ Louis Zammit a fol. 57 *et sequitur*;

(2) Intant, l-attur isostni illi meta gie, *ex-post* il-kuntratt, biex jaghmel prenotazzjoni tal-vjagg f' certu belt partikolari l-kumpanija informatu illi kien "*a must*" illi dak il-*booking* tieghu ried jaghmlu mill-anqas b' xahrejn preavviz. Dan, nonostanti, li l-kuntratt innifsu (ara kopja a fol. 12) kien jistipula wkoll terminu minimali ta' erbatax-il gurnata ghall-iskop ta' *reservation*;

(3) Jezistu wkoll fatti u provi ohra li gew issenjalati mill-ewwel Qorti li mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod hawn tirreplikahom;

Il-Qorti jidhrilha li fuq il-valutazzjoni komplessiva tal-provi ghandha tinklina biex taghti fidi lill-versjoni ta' l-attur appellat illi hu tabilhaqq gie mqarraq mid-dikjarazzjonijiet u promessi li sarulu mill-impjegat tas-socjeta` appellanti biex ikun luzingat jikkontratta. Naturalment, il-Qorti trid taghmilha cara illi d-dikjarazzjonijiet pre-kontrattwali li permezz taghhom il-parti wahda tfittex li tirrapprezenta r-realta bl-aktar mod favorevoli ghall-interessi tal-kumpanija mhux bilfors u dejjem tintegra qaghda ta' qerq meta fil-kuntest ma jinhassx li hu ragovenoli li wiehed jissupponi illi l-parti l-ohra tkun attribwit piz partikolari lil dawk id-dikjarazzjonijiet. Mill-banda l-ohra, u hu wisq naturali wkoll, jekk, kif inhu l-kaz hawnhekk, id-dikjarazzjonijiet jikkonsistu minn weghdi u garanziji li lilhom il-parti mqarrqa taghti importanza determinata fl-iskema tat-trattativi, meta jirrizulta li dawk l-istess dikjarazzjonijiet ma jikkorrispondux ghar-realta, tali joholqu dik l-ipotesi ta' qerq li jkollha effett kawzali fuq il-volonta tal-kontro-parti u, allura, tal-kunsens tieghu. Dan anke b' mod li l-istess rapprezentazzjoni alterata tar-realta tipprovoka dak l-izball oggettivizzat fuq is-sustanza ghal liema jirreferi l-Artikolu 976 (1) tal-Kodici Civili;

Tajjeb kemm hu tajjeb is-*salesman* li jippromwovi l-interessi ekonomici tal-kumpanija, il-mod ta' l-agir tieghu ma ghandu qatt jigi elevat ghal dik ta' l-imgieba li tissorprendi l-bwona fede f' persuna ta' diligenza ordinarja li fuq dik il-kondotta, b' dawk id-dikjarazzjonijiet, ikun

ghamel affidament. Dan ghaliex, kif ghandu jkun, il-bwona fede hi element importantissimu tal-kontrattazzjoni, li ghandha dejjem tircievi t-tutela shiha tal-ligi. B’ mod specjali, imbaghad, fejn ma jirrizultax, bhal f’ dan il-kaz, illi kien hemm in-negligenza jew l-injoranza ta’ l-attur appellat;

Huwa inutili li f’ dawn ic-cirkostanzi l-kumpanija appellanti tittanta ssib rifugju fis-sottomissjoni illi, se mai, ghandu jirrispondi l-impjegat taghha u mhux hi. Il-kontrattazzjoni saret maghha u l-firmatarju fuq il-kuntratt kien ir-rapprezentanti legali u mhux ukoll l-impjegat taghha. Jekk hi jidhrilha li b’ dawk id-dikjarazzjonijiet jew kondotta ta’ l-impjegat sofriet xi danni hi dejjem jibqalha dritt ta’ rivalsa kontra tieghu, izda m’ ghandhiex tippretendi wkoll aktar minn daqshekk. Certament, mhux dik tal-liberazzjoni mid-domanda ghar-rimbors tas-somma li wara kollox thallset lilha.

Ghal dawn il-motivi, prevja l-akkoljiment ta’ l-ewwel aggravju, tichad it-tieni kap ta’ aggravju lil din il-Qorti sottomess u b’ hekk tikkonferma fil-mertu, is-sentenza appellata. L-ispejjez fic-cirkustanzi kollha tal-kaz jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------